MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 315/2005

**A.**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-27 ta’ Settembru, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta’ Novembru tas-sena elfejn u tlieta (21 ta’ Novembru 2003) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Li l-attrici meta zzewget kienet single mother bi tlett itfal minuri;

Li l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba swat, servizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi kommessi kontriha da parti tal-istess zewgha kif ukoll li z-zwieg tkisser irrevokabilment;

L-konvenut qatt ma ghadda manteniment lill-attrici u lanqas qatt ma hadem;

Li proprjeta mobbli u immobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ma hemm xejn stante li kollox huwa parafernali tal-attrici u d-dar matrimonjali huwa flat mikri minghand l-Awtorita tal-Housing u kien ilu ghandha u ghat-tlett uliedha qabel ma zzewget lill-konvenut;

Li ghal dawn ir-ragunijiet, l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega permezz ta' digriet numru - datat - li kopja taghha qed tigi annessa u markata Dok B;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. M'ghandhiex tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi A u B minhabba swat, servizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi li l-konvenut ikkommetta kontra martu l-attrici jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;

2. M'ghandux l-imsemmi konvenut jigi kkundannat li jhallas lill-attrici dik ir-retta alimentarji lilha dovuta skond il-ligi ghaliha bil-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zjieda skond l-gholi tal-hajja, li ghandhom jigu ordnati minn din il-Qorti u jigi ordnat li l-manteniment hekk stabbilit jithallas lill-attrici direttament mid-Direttur tas-Sigurta' Socjali minn fejn johrog ic-cheque tal-pensjoni lill-attur, skond il-kaz;

3. M’ghandhomx jigu applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 50 u 51 tal-kodici Civili (1984 ed.) in toto jew in parte;

4. M’ghandhiex tigi dikjarata xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, occorrendo b’opera ta’ perit nominat sabiex jillikwida l-istess komunjoni u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

5. Tikkundanna lill-konvenut li jikkonsenja lill-attrici il-beni parafernali u dotali taghha.

6. M’ghandhiex l-attrici tigi awtorizata tabita fid-dar matrimonjali

Bl-ispejjez u spejjez legali ghall-ittra legali u ghall-hlas ta’ perit biex jaghmel stima tal-assi ghall-iskop ta’ likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentata fl-1 ta’ Novembru, 2005 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi l-konvenut kien iltaqa ma’ martu l-attrici bejn tlieta u erba’ xhur qabel izzewwgu nhar il-21 ta’ Novembru 2003, u dak iz-zmien huwa kien joqghod fl-istess rahal

2. Peress illi dak iz-zmien hija kellha hafna nkwiet ma’ missier it-tliet uliedha;

3. Illi fil-fatt, l-imsemmija tliet ulied kienu jkunu ma' ommhom fi tmiem il-gimgha biss, u dan ghaliex fost il-gimgha kienu jkunu l-istitut;

4. Illi sa minn mindu ltaqa' ma martu, il-konvenut, ghalkemm mhux obbligat, kien regolarment jivversalha flus kemm ghaliha kif ukoll ghall-bzonnijiet ta' uliedha, u ta' dan fil-fatt ghandu xhieda;

5. Illi fil-fatt, il-konvenut wara kien mar jirrisjedi, u martu l-attrici kienet tghix mieghu hemmhekk, u fi tmiem il-gimgha iggib ukoll lil uliedha;

6. Illi z-zwieg tkisser wara xi erba' xhur u dan ghaliex l-attrici kellha wicc hadd iehor, tant illi meta l-konvenut, wara li kien qabadha darbtejn ma' rgiel ohra ikkonfrontaha, qaltlu li hi kienet qed taghmel li trid, u biex hu jaghmel l-istess;

7. Illi bejn il-konvenut u martu ma jezistix ir-regim tal-komunjoni ta' akkwisti, u dan ghaliex ma nxtara xejn la minnu u lanqas minn martu fiz-zwieg, u ghaldaqstant, il-konvenut m'ghandux jikkonsenja ebda beni parafernali jew dotali lill-martu;

8. Illi kwantu ghal immobbli, l-attrici tirrisjedi go appartament mikri lilha minghand l-Awtorita tad-Djar, filwaqt illi l-konvenut jirrisjedi f'appartament mikri lilu minn terzi;

9. Ukoll illi l-konvenut m'ghandux jigi kundannat ihallas manteniment la ghal martu u lanqas ghal uliedha;

10. Illi wara li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser, il-konvenut irrealizza illi l-attrici kienet izzewgitu ghal skopijiet finanzjarji u mhux ghax kienet thobbu;

11. Illi l-konvenut irid biss jiehu dak li hu tieghu bi dritt, u dana skond ma trid il-Ligi.

12. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta’ l-attrici u ta’ Omissis u d-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavits tal-konvenut u ta’ Omissis

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Dicembru, 2005 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-partijiet irrinunzjaw ghall-kontro-ezamijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet.

Mil-provi jirrizulta li l-kontendenti zzewgu fl-2003 u ma kellhomx tfal; l-attrici kellha pero’ tlett itfal qabel iltaqghet mall-konvenut. Illum tghix bl-assistenza socjali u effetti mobbli ftit li xejn ghandhom, anzi dawn jidher li kienu kollha ta’ l-attrici qabel ma zzewget. Il-konvenut ma cahadx dan. Il-konvenut jghix ukoll bl-ghajnuna socjali.

Il-Qorti ftit tissimpatizza mall-partijiet ghaliex jidher ma tarax raguni ohra ghaz-zwieg hlief il-konvenjenza. Madankollu din hija kawza ta’ separazzjoni u ghalhekk il-Qorti ser taghti s-sentenza fuq il-provi li tressqu minghajr il-bzonn tindaga l-mottiv ghala l-partijiet izzewgu. L-attrici qed titlob ukoll li jigu applikati l-provvedimenti ta’ l-Artikolu 48 izda ta’ l-Edizzjoni ta’ l-1984 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jidher pero’ car illi l-ftit akkwisti li ghandha kollha kienu frott il-hidma qabel izzewget u l-Artikolu 48 (1) (c) kif inhu llum jghid illi l-parti li tkun il-htija tal-firda titlef *kull jedd ta’*

*parti miz-zwieg ghan-nofs ta' l-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-parti ghandha tkun konsidrata li minnha tkun hatja tal-firda. Ghall-finijet ta' dan il-paragrafu biex jigi determinat jekk akkwist ikunx sar l-iktar bil-hidma ta' wahda mill-partijiet fiz-zwieg ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skond l-Artikolu 3 ta' dan il-Kodici.* Huwa car illi l-konvenut ma kkontibwixxa xejn f'dan il-kaz.

L-attrici talbet il-manteniment u ghalkemm il-Qorti mhix f'posizzjoni li taf kemm qed jippercepixxi l-konvenut, mill-provi jidher li dan qed jghix bl-ghajnuna socjali u l-Qorti ghalhekk ser takkorda ammont nominali biex fil-waqt li ma jintilifx xi dritt fl-istess hin tara li l-ghixien minn fuq l-istat jigi xi ftit minimizzat ghaliex hija ngustizzja fuq min ihallas it-taxxi illi jkun qed imantni permezz ta' dawn it-taxxi individiwi bhall-konvenut li ma ghandux jigi esentat mill-obbligi tieghu li jmantni lill-martu ladarba ma hemm ebda raguni, ghallinqas ghall-Qorti li din ghandha tiddekadi minn dan id-dritt.

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk;**

**1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli principalment lill-konvenut;**

**2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' sitt liri Maltin (Lm6) fil-gimgha bhala manteniment;**

**3. tapplika fl-intier tieghu fil-konfront tal-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16;**

**4. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-attrici u zewgha u tiddikjara li l-oggetti mobbli**

**kollha fid-dar konjugali huma proprjeta' ta' l-attrici; billi ma hemmx proprjeta' immobiljari fil-komunjoni ta' l-akkwisti tastjeni milli tiehu provvedimenti ohra fir-rigward;**

**5. billi ma saritx prova dwar hekk, tichad it-talba li l-konvenut jirritorna l-beni parafernali;**

**6. tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar konjugali ndikata fic-citazzjoni ad eskluzjoni tal-konvenut;**

**L-ispejjes jithallsu zewg terzi mill-konvenut u terz mil-attrici.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------